**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit***

**Rikors nru: 198/2016 CFF**

**EDWIN MICALLEF**

**VS**

**STEPHEN CASSAR**

**Illum 21 ta' Jannar, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tal-attur fejn talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' tlettax-il elf seba' mija u tmintax-il ewro u sitta u hamsin centezmu (€13,718.56) rapprezentanti bilanc minn somma ikbar ghal servizzi ta' kostruzzjoni rezi lill-intimat inkluz materjal u xoghol ta' kostruzzjoni ordnati minn u kkonsenjati lill-intimat fuq ordni tal-istess ntimat.

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali bin-numru 1451/16 datata 25 ta' Lulju, 2016 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat **ir-risposta ta' Stephen Cassar** fejn espona:

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huwa m'ghandu jaghti xejn lill-attur peress illi kull ma gie kkuntrattat jaghmel, ghamlu that is-supervizjoni tal-Perit Konrad Bezzina skond bill of quantities minnu mahrug fil-fond "Party Time" 99 Antoine De Paule Avenue, Rahal Gdid liema bill of quantities huwa hawn anness u mmarkat bhala dokument A u liema xogholijiet ma kellhomx jeccedu t-€18,000 imma effettivament lahqu €32,683.64c kif certifikati mill-istess Perit.

2. Illi x-xogholijiet interkorsi saru taht is-supervizjoni tal-Perit Konrad Bezzina li kien il-Project Manager ta' KBA Studio mqabbad mill-attur u minn dawn ix-xogholijiet saru biss parti mix-xogholijiet ammontanti ghal €11,220 mix-xogholijiet originali kuntrattati li thallsu kif jirrizulta mid-dokument B.

3. Illi minkejja dan, saru varjazzjonijiet gustifikati u konsistenti mill-intimat u Perit Konrad Bezzina ammontanti ghal €12,200 ohra li thallsu flimkien ma oggetti ohra ammontanti ghal €4,278 u dan kif skond dokumenti B u C hawn anness li thallsu u li taghhom ghandu ricevuta.

4. Illi r-ricevuta fiskali globali ta' €11,220 + €12,200 + €4,278 oltre l-VAT ammontanti ghal €32,683.64c thallset u qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument D.

5. Illi konsegwentement huwa m'ghandu jaghti xejn aktar lill-intimat kif jirrizulta mill-emails u mic-certifikati mahruga mill-Perit Konrad Bezzina u dan minkejja hafna dewmien u telf ta' xoghol da parti tal-intimat.

6. Salv eccezzjonijit ohra.

**Il-Perit Conrad Bezzina** fix-xhieda tieghu tat-18 ta' Ottubru 2016 jghid illi sid il-hanut kif ukoll il-klijent kien Stephen Cassar u peress li kellu bzonn certu xogholijiet ta' refurbishment, il-Perit Bezzina kien qabbad lil Edwin Micallef sabiex iwettaq dawn ix-xogholijiet. Is-sur Micallef kien ghamel stima ta' €18,800 liema stima nbidlet ghaliex waqt l-andament tax-xoghol inbiddlu certu decizjonijiet fis-sens li naqqsu xi affarijiet kif ukoll zdiedu. L-ammont finali ta' dawn ix-xogholijiet li kien ghamel is-sur Micallef kien

ta' cirka €39,790 eskluz il-VAT. Is-sur Stephen Cassar kien inhasad meta ra dan il-kont ghax peress li waqt l-andament tax-xoghol beda jnaqqas minn banda imma jzid minn banda ohra, haseb li wahda tpaci mal-ohra. Il-Perit Conrad Bezzina analizza dan il-kont u wara li anke tkellem ma Edwin Micallef u qablu fuq il-kont, il-Perit Bezzina bghat dan il-kont lil Stephen Cassar. Wara xi xahar u nofs Stephen Cassar informa lill-Perit Bezzina li ma kienx qed jaqbel mal-kont.

Fid-29 ta' Novembru, 2016 rega' xehed il-Perit Conrad Bezzina fejn ikkonferma l-verzjoni tieghu u fejn spjega li l-kont li hareg, spjegah oggett, oggett lil Edwin Micallef u li allura jekk dan tal-ahhar kellu oggezzjoni, seta' jghidlu dak il-hin stess, izda ma qal xejn.

**Edwin Micallef**, jikkonferma li kien gie avvicinat mill-Perit Conrad Bezzina sabiex jaghmel xi xogholijiet gewwa l-fond ta' Stephen Cassar gewwa "Party Shop", Paola. Jghid li ltaqa mal-Perit fuq il-fond in kwistjoni fejn kellhom isiru x-xogholijiet u bghat stima lill-istess Perit ta' tmintax-il elf ewro (€18,000). Kien gie nfurmat mill-Perit li x-xogholijiet kienu pjanati li se jibdew fl-ahhar ta' Gunju, 2015 u li Stephen Cassar kien accetta l-istima tieghu. Hu, flimkien ma 5 lavranti ohra bdew ix-xogholijiet u mal-prosegwiment tax-xogholijiet kien hemm diversi tibdiliet u xogholijiet godda li kellhom isiru u ma kull progett gdid, kien jinforma lill-Perit Conrad Bezzina. Fil-fatt, ghal kull bicca xoghol gdid, Edwin Micallef kien jaghti l-kont tieghu lil Perit u dan tal-ahhar kien jordna l-prosegwiment tax-xogholijiet. Jispjega li peress li l-fond kien wiehed pjuttost antik, hafna mix-xogholijiet kellhom isiru manwalment u ghalhekk ha iktar zmien u xoghol. Hu ghadda l-ewwel kont lill-Perit permezz tal-email liema kont kien jammonta ghal sitta u erbghin elf, disa' mija tnejn u hamsin ewro u hamsin centezmu (€46,952.50) rapprezentanti disa' u tletin elf, seba' mija u disghin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€39,790.25) xogholijiet u materjal li ntuza fil-fond u sebat elef mija tnejn u sittin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€7,162.25) rapprezentanti VAT. Il-perit Conrad Bezzina kien talbu jirrivedi l-kont ta' Edwin Micallef stante li certu xogholijiet Edwin Micallef kien ikkwota prezzijiet inqas minn dak tas-suq u ghalhekk it-tieni kont li hareg kien fl-ammont ta' disa' u erbghin elf, seba' mija erbgha u tmenin ewro u hamsin centezmu (€49,784.50) rapprezentanti tnejn u erbghin elf mija u disghin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€42,190.25) xogholijiet u materjal uzat u sebat elef hames mija erbgha u

disghin elf ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€7,594.25) VAT. Il-perit Conrad Bezzina kien ikkonferma li rcieva dan il-kont permezz ta' email mibghut minn Edwin Micallef u kien anke ghaddieh lil Stephen Cassar. Darba fost l-ohrajn il-Perit Conrad Bezzina talab lil Edwin Micallef inaqqas xi haga mill-kont u Edwin Micallef kien infurmah li kien hu stess li tah struzzjonijiet jirrevedi l-kont stante li kien ikkwota prezzijiet inqas minn dawk ta' fuq is-suq. Edwin Micallef jghid li huwa rcieva l-ammont ta' tnejn u tletin elf sitt mija tlieta u tmenin ewro u erbgha u sittin centezmu (€32,683.64) minghand Stephen Cassar. Jispjega li kif ircieva dan l-ammont, huwa hareg ircevuta pero' nforma lill-Perit Conrad Bezzina li kien ghad fadallu bilanc apparti x'jircievi. Wara diversi xhur, Edwin Micallef bghat ittra ufficjali fil-25 ta' Lulju, 2016 kif ukoll Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju sabiex Stephen Cassar ihallsu l-ammont dovut. Jispjega li wara li kien ha passi legali, l-Perit Conrad Bezzina ppropona laqa' fejn iltaqghu hu, Edwin Micallef u Stephen Cassar u hawnhekk Stephen Cassar informa lill-Edwin Micallef li kien halsu ta' kollox u dan skont kif kien qallu l-Perit. Fil-fatt, f'din il-laqa' l-Perit hareg kont ta' tnejn u tletin elf sitt mija tlieta u tmenin ewro u erbgha u sittin centezmu (€32,683.64) mahdum minnu nnifsu minghajr ma kien ikkonsulta ma' Edwin Micallef.

**Stephen Cassar**, jghid li huwa ilu 25 sena fin-negozju ta' kartolerija u party accessories. Il-fond li xtara f'Rahal Gdid kellu bzonn xi xogholijiet u ghalhekk qabbad lil Perit Conrad Bezzina bhala project manager sabiex jiehu hsieb li jsiru x-xogholijiet necessarji sabiex il-fond ikun gestibbli. Huwa talab lil Perit sabiex jaghtih Bill of Quantities u permezz ta' email datat 27 ta' Mejju, 2015 il-perit Conrad Bezzina bghatlu Bill of Quantities. Il-perit, bil-fomm kien infurmah li x-xogholijiet kellhom jiswew cirka tmintax-il elf ewro (€18,000). Illi l-Perit Conrad Bezzina kien issuggerixxa lil Edwin Micallef bhala kuntrattur u meta ltaqghu biex jitkellmu fuq stima ta' xoghlijiet, ftehmu li l-prezz kellu jkun ta' tmintax-il elf u tmien mitt ewro (€18,800) liema ammont kien jinkludi l-VAT ukoll. Il-perit Conrad Bezzina kien infurma lill-Stephen Cassar li kien tal-opinjoni li jitqabbad Edwin Micallef stante li kellu jlesti x-xogholijiet fi zmien hames gimghat u kien se jisbarazzalu l-hanut mill-merkanzija li kien ghad hemm, izda Stephen Cassar jghid li ma sar xejn minn dan ghaliex Edwin Micallef baqa' jahdem ghal sitt xhur u ghalhekk Stephen Cassar tilef 5 xhur xoghol. Jikkonferma li kienu saru xi tibdiliet ta' pjanijiet izda mhux fuq ordni tieghu imma fuq suggerimenti tal-bennej u l-Perit. Jikkonferma li rcieva kont minghand Edwin Cassar ta' disa' u tletin elf, seba' mija u disghin ewro u hamsa u

ghoxrin centezmu (€39,790.25) oltre l-VAT. Illi l-Perit Conrad Bezzina kien ghamel il-kalkoli tieghu u kien informa lil Stephen Cassar li hdax-il elf mitejn u ghoxrin ewro (€11,220) kienu xogholijiet li saru u tnax-il elf u mitejn ewro (€12,200) kienu xogholijiet ulterjuri u ghalhekk Stephen Cassar kien inghata struzzjonijiet sabiex ihallas l-ammont ta' tnejn u tletin elf sitt mija tlieta u tmenin ewro u erbgha u sittin centezmu (€32,683.64). Stephen Cassar qatt ma qabel ma dan l-ammont izda biex jehles, hallas dan l-ammont. Huwa jikkalkula li tilef fuq erbghin elf ewro (€40,000) f'sales minhabba d-dewmien ta' Edwin Micallef biex ilesti x-xogholijiet.

**Il-Perit Conrad Bezzina** rega' xehed fl-14 ta' Mejju, 2019, jikkonferma li l-ewwel stima kienet ta' tmintax-il elf ewro (€18,000) izda minhabba li zdiedu x-xogholijiet, din l-istima zdiedet ghal tnejn u tletin elf sitt mija tlieta u tmenin ewro u erbgha u sittin centezmu (€32,683.64) izda ma jkunx jaf jekk il-pagament ikun sar jew le.

**Edwin Micallef** xehed fit-30 ta' Mejju, 2019 ikkonferma li thallas l-ammont ta' tnejn u tletin elf sitt mija u tmien ewro (€32,608).

**Ikkunsidrat:**
**Il-Kwistjoni bejn il-partijiet:**

Illi dan il-kaz huwa dwar xoghol li kellu jsir gewwa hanut li jappartjeni lill-intimat Stephen Cassar. Bil-proceduri odjerni l-attur qieghed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlettax-il elf sebgha mija u tmintax-il ewro u sitta u hamsin centezmu (€13,718.56) rapprezentanti bilanc minn somma akbar minnha lilu dovut ghal xoghol ta' alterazzjonijiet kif ukoll spejjez marbuta mal-hrug ta' permessi mehtiega mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjannar, ilkoll esegwiti fuq inkarigu mghoti lill-imsemmi Edwin Micallef fil-hanut li jappartjeni lil Stephen Cassar.

Da parti tal-intimat Stephen Cassar qabbad il-perit Konrad Bezzina sabiex jaghmel dawk il-htigijiet kollha ghal hrug ta' permessi u x-xoghol sabiex jigi rrangat il-hanut. Illi kien l-istess perit Bezzina li kkomunika mal-attur Edwin Micallef sabiex jidhol ghal din il-bicca xoghol wara li kien irrakomandah mal-intimat Stephen Cassar. Min-naha tal-intimat kien accetta li Edwin Micallef jaghti stima tax-xoghol u jekk kienet tkun accettabli allura

jibda x-xoghol. Illi fil-fatt hekk gara li inharget stima fejn is-somma kienet ta' tmintax-il elf u tminn mitt ewro (18,800).

Illi gara wara li tlesta x-xoghol li kien qieghed isir taht is-supervizjoni tal-perit Bezzina, l-intimat Stephen Cassar ma qabilx mal-kont li kien inhareg minn Edwin Micallef. Illi dan il-kont kien intbghat lil perit Bezzina sabiex jigi mghoddi lill-intimat Stephen Cassar. Illi dan tal-ahhar hallas il-kont li kien gie mghoddi lilu mill-perit Bezzina. Kien hawn li nqala d-dizgwid minhabba l-fatt li Stephen Cassar kien hallas dak il-kont li hareg il-perit. Waqt li Edwin Micallef baqa' jinsisti li l-kont tieghu kien ferm ghola minn dak li thallas minn ghand Stephen Cassar. Huwa kompla jghid li qatt ma kien ra l-ahhar kont mahrug mill-Perit Bezzina fejn kien hemm differenza fit-total ghal hlas fl-ammont li kien ghad baqa mertu ta' din il-kawza.

**Provi u Rizultanzi:**

Jigi osservat li huwa principju guridiku stabbilit li l-attur li jallega d-debitu ghandu fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li jipprova l-kreditu minnu vantat. Inkella, fin-nuqqas li jaghmel dan, jibqa' jimpera l-principju *'actor non probante, reus absolvitur.* Illi l-kwistjoni kollha hija fuq dak li xehed l-istess perit Bezzina fejn ikkonferma li kien gie mqabbad mill-intimat Stephen Cassar sabiex jiehu hsieb ix-xoghol li kien sejjer isir f'hanut li jappartjeni lil konvenut. Ghalkemm l-istima originali tax-xoghol inbidlet fejn zdied ix-xoghol, izda dan kien sar bi qbil bejn il-partjiet kollha taht is-supervizjoni tal-istess Perit Bezzina. Il-Perit Bezzina ikkonferma li qabel ma' jinhareg il-kont, il-persuna li tkun ghamlet ix-xoghol tkun involuta sabiex jaraw il-kont flimkien. Illi pero hareg li laqgha bejn il-partijiet kollha meta kien qieghed jinhadem il-kont ma saritx.

Illi mid-dokumenti esebiti mill-istess attur Edwin Micallef kienu nhargu tlett kontijiet liema dokumenti gew immarkati bhala dok A sa C[1] . Illi skont dawn id-dokumenti kienu ntbaghtu lill-Perit Bezzina fejn minn wiehed ghall-iehor kienu jvarjaw fejn fl-ahhar korrispondenza inhareg l-ahhar kont ta' sitta u erbghin elf disgha mija tnejn u hamsin ewro u hamsin centezmu (46,952.50) bil-VAT inkluza mal-prezz.

---

[1] A fol 22 et seq

Illi meta xehed l-istess Perit Konrad Bezzina[2] semma li fil-fatt meta kien ircieva dawn il-kontijiet kien uriehom lil klijent tieghu u cioe' lill-intimat Stephen Cassar fejn l-ammont tal-istima originali minn tmintax-il elf u tminn mitt ewro (18800) telghet ghal somma ferm akbar. Illi ta' min jinnota li fix-xhieda tieghu huwa semma li kien hemm xoghol differenti li qieghed isir izda l-partijiet kienu dejjem qed tingibed l-attenzjoni taghhom ghal dan ix-xoghol. Illi meta kien ircieva l-ahhar kont, saret analizi minn naha tal-istess Perit sabiex jara jekk hux gustifikat il-kont li kien mahrug mill-attur. Illi huwa importanti hu li skont ma' semma l-istess Perit Bezzina (a fol 34) li qabel ma nhareg il-kont finali saret laqgha bejn Edwin Micallef u hu. Illi f'din il-laqgha kien gie diskuss il-kont sabiex tintalab spjegazzjoni tax-xoghol li sar. Illi ghalhekk jidher bic-car minn dawn il-fatti li l-attur kien jaf li hemm certi diskrepanzi fil-kont li kien hareg huwa stess u dan mill-laqgha li saret mal-istess Perit.

Illi skont l-istess Perit il-laqgha kienet sabiex jigu carati x-xoghol li kien sar mill-istess bennej. Illi min-naha tieghu l-istess Perit ammetta li laqgha bejn il-partijiet qabel ma' nghata l-kont lill-klijent tieghu ma saritx kif is-soltu kien isir. Illi minn wara dik il-laqgha huwa hareg il-kont finali u nghata lil Stephen Cassar li kien ferm anqas minn dak li baghat l-istess Edwin Micallef.

Illi mid-dokumenti esebiti li diga saret referenza ghalihom (Dok A sa C), il-Perit Bezzina ikkonferma li huwa kien ircieva l-emails minghand Edwin Micallef hlief ghal dik tas-17 ta' Dicembru 2015 minhabba li ma kienx sabha. Illi ma' dawn id-dokumenti huwa esebixxa email ohra mibghuta mill-istess attur li ggib id-data tat-18 ta' Jannar 2016[3] fejn hemm kont iehor bir-raba' cifra tal-ammont ta' xoghol li sar mill-istess Edwin Micallef. Illi f'dan il-kaz l-ammont li jidher huwa ta' disa' u tletin elf, hames mija tnejn u tmenin ewro u ghoxrin centezmu (39,582.20) bil-VAT inkluza. Illi l-istess Perit hareg il-kont finali li gie mghoddi lill-istess Stephen Cassar fejn qasmu fuq diversi kolonni, il-kont fejn rega' tenna li kien ikkonsulta mal-istess Edwin Micallef[4] fuq il-breakdown tal-affarijiet izda qatt ma kien urieh il-kont finali li kien gie mibghut lill-istess Stephen Cassar.

---

[2] A fol 31 fis-seduta tat-18 t'Ottubru 2016 fejn rega' xehed fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2016 (a fol 37).
[3] Dok CB 1 a fol 49
[4] A fol 39

Illi skont l-istess Perit fix-xhieda tieghu kien hemm komunikazzjoni bejn Edwin Micallef u hu sabiex il-kont jigi revedut u ghalhekk inhargu diversi kontijiet differenti matul iz-zmien izda tenna li kien l-ahhar kont li kienet il-verzjoni t-tajba.[5] Illi ghalkemm kien inhareg kont finali li skont l-istess Perit Bezzina kien gustifikat, pero' dan il-kont qatt ma' kien gie muri lil Edwin Micallef. Illi f'dan il-kaz il-kont li kien gust kien dak muri f'dok B[6] fejn l-ammont dovut kien jammonta ghal hdax-il elf mitejn u ghoxrin ewro (11,220)+ tnax-il elf u mitejn ewro (12,200)+ erbat elef mitejn tmienja u sebghin ewro (4278)= sebgha u ghoxrin elf sitt mija u tmienja u disghin Ewro (27,698). Illi ma' dan il-kont irid jizdied il-VAT ta' 18% fejn allura l-ammont globali kien ta' tnejn u tletin elf sitt mija tlieta u tmenin ewro u erbgha u sittin centezmu (32,683.64). Illi fil-fatt skont id-dokument esebit mill-intimat Stephen Cassar kien hallas l-ammont[7] tal-kont mahrug mill-istess Perit Bezzina. Illi fil-fatt anki mill-istess ricevuta fiskali ma hemm ebda indikazzjoni li qieghda tithallas somma anqas minn dak dovut jew inkella li dan l-ammont huwa akkont ta' somma akbar.

Illi kien ghalhekk li l-attur hassu aggravat fejn insista li l-kont tieghu kien ferm ghola minn dak li hallas l-intimat. Illi l-istess attur jghid li l-kont finali mahrug mill-Perit qatt ma gie muri lilhu u dan il-fatt huwa korroborat mill-istess Perit. Ghalkemm il-Perit Bezzina xehed li kien kellem lill-attur sabiex jispjega l-kont mahrug minnu sabiex jaghmel l-analizi tieghu. Illi dan il-fatt l-istess attur qatt ma qalu kemm fix-xhieda tieghu u lanqas fl-istess affidavit izda jaghmel referenza ghal laqgha li kienet saret bejn il-partijiet wara li l-kont kien inhareg. Illi fil-fatt l-istess attur jghid a fol 60 li qatt ma gie konsultat fuq l-ahhar kont u ghalhekk lanqas jikkonferma li fil-fatt kien kelmu l-Perit Bezzina sabiex jaghti spjegazzjoni tax-xoghol. Illi Edwin Micallef jikkonferma biss li kienet decizjoni tal-Perit Bezzina li nhareg dak il-kont minghajr konsultazzjoni mieghu.

Illi ta' min jinnota li l-istess Edwin Micallef fil-mori ta' dawn il-proceduri pprezenta diversi kontijiet li huma ghal kollox differenti. Illi permezz ta' nota[8] huwa prezenta tlett kontijiet differenti fejn f'dok A hemm ammont ta' sitta u erbghin elf, tmien mija erbgha u tletin ewro u hamsin centezmu (46,834.50), f'dok B ammont ta' disgha u erbghin elf,

---

[5] A fol 40
[6] A fol 12
[7] Ara dok D a fol 15 fejn inharget ricevuta fiskali minn Edwin Micallef ghall-ammont ta' tnejn u tletin elf sitt mija tlieta u tmenin ewro u erbgha u sittin centezmu (32,683.64)
[8] A fol 22

seba' mija erbgha u tmenin ewro u hamsin centezmu (49,784.50) waqt li f'dok C hemm ammont iehor ta' sitta u erbghin elf, disa' mija tnejn u hamsin ewro u hamsin cetenzmu (46,952.50). Illi minn dawn kollha l-istess Perit Bezzina ikkonferma tnejn minnhom u addirittura esebixxa email ohra b'kont iehor mibghut mill-istess Edwin Micallef ghall-ammont ta' disgha u tletin elf, hames mija tnejn u tmenin ewro u ghoxrin centezmu (39,582.20)[9].

**Konsiderazzjonijiet legali:**

Il-Qorti evalwat il-provi li tressqu quddiemha u s-sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet. Il-vertenza bejn il-partijiet hija li filwaqt li l-attur qiegħed jivvanta pretensjoni ghall-hlas tax-xoghlijiet imwettqa minnu fejn baqa' bilanc ta' tlettax-il elf sebgha mija u tmintax-il ewro u sitta u hamsin centezmu (13,718.56) minn total akbar. Mill-ezami anke superficjali tax-xhieda mghotija, il-kunflitt fil-verzjonijiet hi wahda lampanti. Hekk filwaqt li l-attur jghid li huwa qatt ma thallas dak kollu li kien dovut lilu tax-xoghol li ghamel, min-naha tal-konvenut jghid li huwa hallas dak kollu dovut wara li l-Perit Bezzina hareg il-kont finali. Illi fis-sentenza mghotija mill-Imhallef Philip Sciberras (Prim Awla tal-Qorti Civili) fil-kawza fl-ismijiet *il-Kmandant tal-Forzi Armata vs Francis Difesa* mghotija nhar it 28 ta' Mejju 2003 fejn qalet hekk:

> *"Issa hu pacifikament ricevut illi ghalkemm l-onus probandi hu mixhut fuq minn jallega fatt spiss jigri illi meta l-attur ikun assoda prima facie t-talba tieghu, allura l-prova kuntrarja tinqaleb fuq il-parti l-ohra. Dan jissucciedi fejn il-konvenut jallega hu certi fatti. B'dan il-mod hu jqieghed ruhu fl-istess sitwazzjoni ta' l-attur ghal dak li hu l-oneru provanti l-bazi tad-difiza tieghu. U jekk hemm konflitt, wiehed imbaghad, ma ghandux facilment jaqa' fuq ir-regola "actor non probante, reus absolvitur" jew ir-regola l-ohra inversa "reus in excipiendo fit actor";*
>
> *Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "***Carmelo Farrugia –vs- Rokku Farrugia***", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, "il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u vero similjanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.";*

[9] A fol 49 liema dokument gie mmarkat bhala dok CB1

Mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien qabbad il-Perit Bezzina sabiex jiehu hsieb ix-xoghol li kellu jsir ghal hanut li huwa kellu gewwa Paola. Illi minn naha tal-Perit kien irrakkomanda lill-Edwin Micallef sabiex jaghmel dan ix-xoghol wara kien ta stima ghax-xoghol li kellu jsir. Ghalkemm mill-provi jirrizulta li minkejja li l-attur originarjament kien ta stima li kien qabel maghha l-konvenut, kif tlesta x-xoghol inhargu kontijiet ferm aktar gholja minn l-istima originali u dan kif jidhru mid-dokumenti esebiti. Minkejja dan, l-attur ikkonferma li l-konvenut kien hallsu s-somma ta' tnejn u tletin elf sitt mija tlieta u tmenin ewro u erbgha u sittin centezmu (32,683.64) u anki inharget ricevuta fiskali minn Edwin Micallef. Illi min-naha l-ohra lanqas ma tnizzel fl-istess dokument jew inkella fuq dokument iehor li dan huwa hlas ta' parti tal-prezz mahrug minnhu bhala kont finali.

Illi f'dan il-kaz ma giex mahtur perit tekniku sabiex jigi analizzat ix-xoghol li sar u jevalwa l-istess kont li nhareg mill-attur. Illi ghalhekk f'dan il-kaz l-unika persuna li jista' jitfa dawl fuq il-kwistjoni huwa l-Perit Bezzina li gie mqabbad mill-istess konvenut bhala l-Project Manager fuq ix-xoghol li kellu jsir f'dan il-hanut. Il-Perit Bezzina wara li kienu gew mghoddija diversi kontijiet mahruga mill-istess Edwin Micallef (illi skont id-dokumenti esebiti hemm erba' kontijiet differenti li kienu mahruga fejn Edwin Micallef jghid li kienu saru fuq insistenza tal-istess Perit Bezzina. Illi l-ahhar kont msemmi f-email ta' Jannar 2016, l-attur Edwin Micallef ma jghid xejn fuq dan il-kont mahrug).

Fid-decizjoni taghha dwar x'ghandu jkun il-hlas mill-konvenuti ghax-xoghlijiet li ghamel l-attur fil-post tagħhom, il-Qorti tqis li m'hemm l-ebda raguni ghalfejn m'ghandhiex tistrieħ fuq il-konkluzjonijiet tal-perit Bezzina. Huwa minnu li l-istess kont finali ma giex muri lill-attur qabel ma ntbaghat lill-konvenut izda skont l-istess Perit Bezzina kien hemm laqgha bejn Edwin Micallef u hu, fuq l-istess kont. Anki gie kkonfermat li wara li nhareg il-kont saret laqgha bejn il-partijiet u ma kienx hemm ftehim fuq il-prezz.

Illi f'cirkostanzi bhal dawn fejn f'materja ta' prova peritali, l-insenjament gurisprudenzjali huwa fis-sens li, ghalkemm sitwazzjonijiet fejn ikun hemm kwistjoni teknika huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra. Il-Qorti mhux marbuta li toqghod fuq konkluzjoni tal-Perit kontra l-konvinzjoni taghha. Illi l-hila u l-professjoni kif giet espressa mill-istess perit Bezzina m'ghandhux jigi skartat ghall-ahhar. Illi

ghalkemm kien nuqqas tal-Perit li ma baghatx il-kont finali wkoll lill-istess Edwin Micallef, illi pero' min-naha l-ohra din il-Qorti ma tistax tifhem li ghall-istess xoghol li sar kellhom jinhargu erba' kontijiet differenti li kollha nghataw lill-Perit Bezzina.

Mill-assjem tal-provi li gew prodotti, il-Qorti tqis li mix-xhieda tal-istess Perit Bezzina li qabel ma nhareg il-kont finali, kien hemm diskussjonijiet ma' Edwin Micallef fuq il-kont. Illi l-istess Edwin Micallef meta thallas l-ammont minn Stephen Cassar lanqas gibed l-attenzjoni li qieghed jaccetta din is-somma akkont ta' somma akbar. Lanqas din il-Qorti ma tista' tifhem ir-ragunament li semma l-istess Edwin Micallef li kien l-istess Perit li qallu biex izid fil-prezz meta inhareg kont finali ferm anqas minn dak li suppost talbu l-Perit Bezzina.

Illi ta' min jinnota wkoll, li f'dawn il-proceduri ma gietx prezentata kopja tal-istess ittra ufficjali fejn qieghed jintalab ghall-istess spejjez taghha.

Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-attur thallas tax-xoghol kollu li huwa dovut mill-konvenut għax-xoghlijiet ta' appalt imwettqa minnu u dan wara li gie meqjus minn din il-Qorti li l-kont finali mahrug mill-istess Perit Bezzina kien wiehed gust.

**Decide**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad it-talbiet attrici.**

**L-ispejjeż tal-kawza għandhom jkunu a karigu tal-attur Edwin Micallef.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**